MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Numru 7/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)**

**vs**

**Ratan Mohnani**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Ratan Mohnani ta’ 55 sena bin il-mejjet Narendas u l-mejta Ganga nee’ Barbani imwieled l-India u residenti Sliema, detentur ta’ karta ta’ identita numru 2014654(p) akkuzat talli f’dawn il-gzejjer matul dawn l-ahhar snin b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra, sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qligh b'qerq li jammonta ghal aktar minn Lm15,000 ghad-dannu ta' Jacqueline Galea u persuni ohra bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li ghab-bazi tal-artikoli tal-ligi hemm minnu citati baghat l-atti tal-kumpilazzjoni lil din il-Qorti sabiex tiddecidi fuq il-htija o meno tal-imputat jekk ma jkunx hemm oggezzjoni minn naha tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellix aktar provi u lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstemgha u tigi deciza minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat bi truffa aggravata u qerq kontinwat. Issa u prescindendo mill-elementi kostitwittivi li jikkostitwixxu r-reati li bihom l-imputat jinsab akkuzat, huwa floku li, l-ewwel u qabel kollox, jigu ezaminati l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Illi bhala fatt jirrizulta li l-investigazzjoni giet istigata minn kwerela li saret mill-kwerelanta, certa Jacqueline Galea, u kienet tikkoncerna hanut numru 56, Triq it-Torri, Sliema, li kienet akkwistat b'titolu ta' sullokazzjoni, fin-1997, minghand l-imputat. Jirrizulta li l-imputat kien da parti tieghu akkwista l-hanut, fl-1988, ukoll b'sullokazzjoni minghand certu George Borg li a sua volta kien akkwistah, fin-1983, minghand certa Myriam Sultana li kienet l-utilista stante li kienet akkwistat l-utili dominju tas-sit, gja dar, u sussegwentement konvertit f'korp ta hwienet mill-

imsemmi George Borg.. Il-hanut numru 56 meritu ta' dawn il-proceduri hu wiehed fost hwienet ohra fl-imsemmi korp ta' hwienet. Intant jirrizulta mix-xhieda tal-istess kwerelanta illi hi kienet innegozjat mal-imputat kemm ir-rigal u l-pagamenti tal-kirja u kienet waslet biex iffirmat iz-zewg skritturi esebiti in atti li hi stess ikkonfermat li huma l-ftehim kollu bejnha u l-imputat. Hawnhekk il-Qorti tinnota li l-kwerela imkien ma tinsab esebita pero' hu wisq car li l-kwerelanta qeghdha tibbaza t-truffa jew in alternattiva l-qerq fuq li c-cens temporanju originali, akkwistat mill-awtur tal-utilista, l-imsemmija Sultana, kien jiskadi f'Dicembru tas-sena 2000, b'dan li l-imputat ma setax jissullokalha oltre dan il-perjodu. Bhala fatt m'hemmx dubbju li l-perjodu ta' sullokazzjoni moghti lilha hu ta' tletin sena dekorribbli mis-sena 1997.

Illi din il-Qorti ezaminat b'attenzjoni x-xhieda u mkien ma riskontrat li tista' tissusisti fil-konfront tal-imputat kemm it-truffa jew r-reat minuri ta' frodi innominata. Il-kwistjoni hi pjuttost purament civili. Altrimenti mill-aspett kriminali m'hemm xejn li anka remotament jiddimostra l-'mala fede' tal-imputat filwaqt, kemm qabel u kemm wara, li kienu qeghdin isiru n-negozjati u wisq anqas li kien hemm xi artifizi jew raggiri jew ukoll xi telf patrimonjali li garbet il-kwerelanta.

Ghalhekk taqta' u tiddecidi billi tillibera lill-imputat minn kull akkuza kontrih dedotta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------